

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/283

tal-24 ta' Frar 2016

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex ikun żgurat li l-applikazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 tkun uniformi, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li tkun ibbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid xi sottodivizjoni oħra magħha u li tkun stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati xi tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mogħtija fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Jixraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa dwar il-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ⁽²⁾. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma ressaqx opinjoni fil-limitu taż-żmien li ġie stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

⁽¹⁾ ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Stephen QUEST

Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Oġġett magħmul l-iktar mill-plastik, bil-forma ta' ċilindru bil-ponta (l-hekk imsejħa "LED Glitter Lamp"), b'għoli ta' madwar 17-il cm. L-oġġett jirraq u jsir ponta fil-quċċata, b'sies usa', u l-parti tan-nofs tiegħu hija tal-plastik trasparenti. Il-parti tan-nofs hija mżejna minn ġewwa b'figura stilizzata ta' tfajla, u hija mimlija likwidu trasparenti b'partikoli tal-glitter sospiżi ġo fih. Is-sies fih bosta diodi li jemmettu d-dawl (LEDs) li jieħdu l-enerġija mill-batteriji. Meta l-oġġett jithež-žež, il-parti tan-nofs tidli ħafif b'kuluri diversi. Wara li jitheżżeż il-prodott, id-dawl jibqa' jintrema biss għal ħin qasir ta' madwar minuta. Ara l-istampa (*).	3926 40 00	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 3926 u 3926 40 00. Dan l-oġġett ma jistax jiġi kklassifikat bħala lampa tal-intestatura 9405, għax mhuwiex primarjament maħsub biex idawwal kamra, u lanqas mhu lampa speċjalizzata (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 9405, (I), (1) u (3)). Skont il-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, l-oġġett mhuwiex essenzjalment maħsub għal-logħob (kemm mit-tfal jew mill-adulti) (ara wkoll l-HSEN għall-intestatura 9503, (D)). Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni tiegħu bħala ġugarell taħt l-intestatura 9503 hija eskluża wkoll. Fid-dawl tal-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, l-oġġett huwa maħsub l-iktar għal finijiet ta' tiżjin. Id-dawl qiegħed biss biex isejba l-effett ornamental. Għaldaqstant, l-oġġett irid jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 3926 40 00, bħala oġġetti ornamental oħra tal-plastik.

(*) L-istampa qiegħda biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.

